MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 856/2003

**Hotels Administration Limited**

**vs**

**Anthony Portelli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm349.68) rappresentanti nofs salarju dovut skond kuntratt ta' impieg definit datat 30 ta' Dicembru 2002, (kopja annessa ma'l-avviz u immarkata bhala Dokument A), liema kuntratt ma giex onorat mill-konvenut Anthony Portelli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra bonarja datata 24 ta’ Frar 2003 u bl-imghax legali kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fil-11 ta’ Gunju 2003, fejn huwa eccepixxa illi:

1. It-talba tas-socjeta attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent m’abbandunax il-post tax-xoghol tieghu skond kif provdut fl-artikolu 36(12) tal-Kapitolu 452.
2. Illi f’kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju, t-talba attrici hija eccessiva stante li l-ammont talvolta dovut fl-eventwalita li jigi stabbilit li l-konvenut abbanduna x-xoghol huwa inqas minn dak mitlub fl-avviz.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta’ Charles Micallef, in rappresentanza tas-socjeta attrici u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-konvenut kien iffirma kuntratt ta’ impieg definit mas-socjeta attrici u dana ghal perijodu ta’ tlett xhur u cioe’ mill-1 ta’ Jannar 2003 sal-31 ta’ Marzu 2003. Illi s-socjeta attrici tikkontendi illi l-konvenut qabad u telaq minn fuq il-post tax-xoghol fis-7 ta’ Frar 2003 u dana minghajr ebda gustifikazzjoni. Dana ghamlu permezz ta’ telefonata.

Il-konvenut min-naha tieghu jikkontendi illi huwa telaq wara li kien informa lill-manager certu Jesmond Beck, illi kien sab impieg iehor. Fil-fatt il-konvenut jikkontendi illi huwa telaq bil-benedizzjoni ta’l-istess socjeta attrici u dana wara illi dan Jesmond Beck kien infurmah illi kien kellem lil General Manager u li ma kienx hemm problema sabiex huwa jitlaq qabel ma ighalaq iz-zmien tal-kuntratt. Lil General Manager huwa qatt ma kellmu personalment.

Illi inoltre fix-xhieda tieghu l-konvenut jikkontendi illi gialdarba huwa ma huwiex qieghed jinsisti illi s-socjeta attrici thallsu s-somma ta’ madwar Lm200 ghal perijodu ta’ *sick leave* illi ma kienx gie mehud minnu, l-istess socjeta attrici ma ghandhiex tfittxu ghall-ammont mitlub f’din il-kawza. Illi bir-rispett kollu din ma tirrapprezenta l-ebda forma ta’ difiza, u kwazi hija ammissjoni illi fil-fatt huwa ghandu ihallas l-ammont mitlub. Illi l-konvenut kellu kull dritt li jagixxi bhal kif ghamlet l-istess socjeta attrici, ghal dak illi ghalih huwa ghandu dritt skond il-ligi, izda ma jirrizultax mill-atti processwali illi tressqet xi kontro-talba mill-konvenut u kwindi din id-difiza qed tigi skartata, ghaliex hija minghajr bazi legali.

Ikkunsidra,

Illi irrizulta mill-provi migbura illi l-konvenut qabad u telaq mill-impieg tieghu mas-socjeta attrici ghaliex kien sab impieg iehor. Kwindi huwa abbanduna l-kuntratt ta’ impieg iffirmat mas-socjeta attrici u dana ghaliex certu Jesmond Beck, impjegat bhala manager mas-socjtea attrici kien infurmah illi l-General Manager kien tah il-kunsens tieghu sabiex jitlaq. Sfortunatament l-konvenut ma irnexxielux jipprova illi fil-fatt s-socjeta attrici kienet ghalhekk irrinunzjat ghad-dritt moghti lilha skond il-ligi, kif ukoll ghal dak kontemplat fl-artikolu numru 11 tal-kuntratt ta’l-impieg iffirmat mieghu. Dana qed jinghad ukoll fid-dawl tax-xhieda tal-General Manager stess, Charles Micallef, li jikkontendi illi ghalkemm kien minnu illi Jesmond Beck kien infurmah illi l-konvenut kien ser jitlaq mill-impieg tieghu, huwa kien gibidlu l-attenzjoni ghal fatt illi ghalkemm dana seta’ jaghmlu, madanakollu kien ser ikollu ihallas l-penali kif stabbilita fil-kuntratt. Finalment, Jesmond Beck qatt ma tressaq jixhed f’dawn il-proceduri ghalkemm l-konvenut inghata iktar minn opportunita wahda sabiex jaghmel dana u ghalhekk huwa ma irnexxielux jipprova l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu, illi ghalhekk qed tigi michuda.

In kwantu ghat-tieni eccezzjoni, ukoll ma jirrizultax mill-atti, illi l-konvenut ressaq xi prova dwar l-istess, hlief illi huwa jikkontendi illi ghandu jiehu Lm200 ta’ *sick leave*

mhux mehud minnu, liema difiza, kif diga gie sottolinjat iktar ‘il fuq qed tigi skartata.

Illi kemm l-artikolu citat mill-konvenut stess fl-ewwel eccezzjoni tieghu u cioe’ l-artikolu 36(12) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Mlata, kif ukoll l-klawsola numru 11 tal-kuntratt ta’ mpieg iffirmat mill-konvenut, esebiet bhala Dokument A, jistipulaw illi jekk impjegat jabbanduna l-post tax-xoghol tieghu qabel iz-zmien miftiehem f’kuntratt ta’ impieg ghal zmien definit, huwa irid ihallas lill-persuna li thaddmu nofs is-salarju illi huwa kellu jircevi ghal perijodu li kien fadal tal-kuntratt.

Illi mill-kuntratt ta’l-impieg, Dokument A, jirrizulta illi l-paga tal-konvenut kienet ta’ Lm354.25 fix-xahar. Illi l-kuntratt kien gie iffirmat ghal perijodu ta’ tlett xhur, u l-konvenut abbanduna l-post tax-xoghol fis-7 ta’ Frar 2003, u cioe’ xahar u sebat ijiem wara l-bidu tal-kuntratt u ghalhekk l-ammont mitlub mis-socjeta attrici jidher li hu gustifikat, u dana anke fid-dawl tal-fatt illi l-konvenut naqas li isostni permezz tal-provi it-tieni eccezzjoni sollevata minnu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett miija u disgha u erbghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm349.68)bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------